President tal-kamra, onorevoli ministri u membri parlamentari, President Emeritus, kollegi u ħbieb. Iltqajna biex infakkru Jum l-Ġustizzja Soċjali.

Qabel xejn xtaqt nirringrazzja lill-Onorevoli Bartolo tal-istedina, talli organizza din l-attività u, l-aktar, important tal-ħidma fejjieda u ħafna drabi moħbija f'dan il-kamp.

Diffiċli ħafna għalija li nesprimi dak li s-17-il għaqda soċjali msieħba fl-Anti-Poverty Forum qed nesperjenzaw f'inqas minn ħames minuti, u għalhekk ser nipprova nżomm fil-qosor kemm nista'.

Nixtieq niffoka fuq żewġ realtajiet li qed ngħixu lkoll kemm aħna, però forsi mhux kulħadd huwa konxju biżżejjed tal-impatt li dawn għandhom fuqna u madwarna.

Madwar xahrejn ilu kellna laqgħa ma' uffiċjali għolja mill-kummissjoni Ewropea fejn esprimejna t-tħassib tagħna dwar il-fatt li fl-Ewropa l-ekonomija saret l-fus li fuqu qed iddur il-ħajja tagħna. It-tkabbir tal-ekonomija sar l-aktar ħaġa kruċjali u għalkemm l-ġid qed jiżdied, il-faqar u l-inġustizzji qed jiżdiedu wkoll. Ir-risposta li reċevejna kienet - ***importanti li jkollok ekonomija b'saħħitha biex tkun tista' twieżen lil dawk l-aktar fil-bżonn*** – donnu huwa normali u aċċettat li jkollok l-faqar u l-emarġinat f'ekonomija sinjura.  U propju hawn qiegħda d-dilemma tiegħi. Nafu li l-istrateġija ekonomika tal-Ewropa qed toħloq il-faqar u ħafna drabi faqar estrem fejn ħafna drabi n-nies tal-periferiji lanqas biss qed jiġu kkalkulati, u xorta nibqgħu għaddejjin bl-istrateġija fejn l-ekonomija hija l-aktar importanti. U allura l-mistoqsija tiġi weħedha – il-bniedem huwa l-qaddej tal-ekonomija jew l-ekonomija hija l-qaddejja tal-bniedem.

Dan l-aħħar sentejn, u l-aktar is-sena l-oħra, rajna l-inflazzjoni tispara 'l fuq fejn ħalliet impatt kbir fuq ħafna persuni u familji. Naf u konvint li l-gvern għamel dak kollu li seta' biex jimmitiga din ir-realtà. Mill-banda l-oħra, huwa fatt li prezzijiet fl-Ewropa kienu għolew u xi wħud minnhom illum il-ġurnata reġgħu ġew kważi għan-normal. Però ma nistgħux ngħidu li ġara l-istess f'pajjiżna. Naħseb li wasal iż-żmien fejn ma nibqgħux inħallu s-suq isuq għalkemm l-Ewropa tinkoraġġixxi dan. Kien hemm okkażjonijiet fejn ittieħdu deċiżjonijiet iebsa, għalkemm konna nafu li kien ser ikun hemm konsegwenzi mhux sbieħ fit-tul. Għaldaqstant l-istess nistgħu nagħmlu f'dawn iċ-ċirkustanzi biex iż-żgħir ibati anqas u d-distakk bejn il-kbir u ż-żgħir jonqos.

Dan iwassalni għat-tieni punt tiegħi. Ħa nilbes ftit il-kappell ta' kap eżekuttiv tal-fondazzjoni OASI. Il-ġimgħa l-oħra ġie ppublikat ir-rapport dwar l-użu tad-droga f'pajjizna. Bħalma wera

r-rapport u bħalma aħna l-frontliners f'dan il-qasam nesperjenzaw kuljum, l-użu tas-sustanzi psiko-attivi qed jiżdied u qed jinfirex. U dan qed jivvittimizza numru konsiderevoli ta' persuni u familji fil-faxex kollha tas-soċjetà. Għal ħafna hawn ġo din il-kamra ma jien qed ngħid xejn ġdid. Qed nesperjenzaw mewġa qawwija ta' vjolenza. Sfortunatament tfal u anke persuni akbar fl-età qed ikunu vjolenti mal-ġenituri tagħhom għad-droga. Qed nisimgħu wkoll dwar persuni li qed juru mġiba vjolenti fit-toroq tagħna għax qed ikunu taħt l-effett tad-droga. Jeżistu rħula fejn persuni qed jesperjenzaw biża', b'mod speċjali f'ċerta ħinijiet tal-ġurnata.

Huwa fatt li l-użu tad-droga qed jiġi normalizzat ġurnata wara l-oħra. Dan l-aħħar qrajt paper ta' xi ħadd li sejjaħ lilu nnifsu akkademiku fejn qed jargumenta li huwa dritt ta' kull persuna jkun taħt l-effett ta' drogi. Kemm għad irridu nbatu aktar biex fl-aħħar nirrealizzaw li dak kollu li wieħed jagħmel, anke waħdu, għandu impatt fuq is-soċjetà kollha kemm hi?

U allura, naħseb li jekk għandna soċjetà li qed tinnormalizza daqshekk l-użu ta' drogi, u anke fil-pubbliku, allura s-soċjetà għandha b'mod uffiċjali wkoll iġġorr ir-responsabbiltà tal-azzjonijiet negattivi u l-vjolenzi li qed isiru u li ser isiru minn individwi taħt l-effett tas-sustanzi. Dan għaliex wara kollox hija s-soċjetà li b'mod dirett u/jew indirett qed tippromwovi l-użu – xi drabi anke bl-iskuża li qed innaqqsu l-ħsara. U b'dan, bl-ebda mod ma rrid nagħti l-impressjoni li qed niskuża l-vjolenza.

Xtaqt nagħlaq b'dan l-aħħar kumment – nemmen li l-ġustizzja soċjali mhix biss hi r-responsabbiltà jew l-kompetenza tal-gvern jew ta' xi entita partikolari, imma ta' kull persuna li qed tgħix f'soċjetà.

Grazzi